MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 1041/2006

**Alfred Gera & Sons Limited (C120)**

**Vs**

**Anton Abela (I.D. 238673M) ezercenti l-kummerc taht l-isem The Liquid Shop**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Novembru 2006, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u zewg Liri Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm802.43), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-interessi u bl-ispejjez.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-16 ta’ Ottubru 2007, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tmien mija u zewg Liri Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm802.43), bl-interessi kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------